MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 34/2014

A L B

vs

1. C D
2. Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2014 C D giet awtorizzata biex tidher bhala kuratrici ad litem tal-minuri K B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi fil-25 ta’ Ottubru 2009 C D welldet iben li nghata l-isem Kieran u peress illi hija kienet identifikat lil A B bhala l-missier, it-tifel gie registrat fuq ic-certifikat tat-twelid bhala l-wild naturali ta’ A B;

Illi r-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet intemmet u wara perjodu ta’ trattattivi, il-partijiet lahqu ftehim dwar il-kura u kustodja access u manteniment ghall-minuri Kieran u pprezentaw l-istess ftehim ghall-approvazzjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u fit-28 ta’ Marzu 2012, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat illi l-kura u kustodja, access u manteniment ghall-minuri Kieran kellhom jigu regolati skont il-ftehim milhuq bejn il-partijiet;

Illi fix-xahar ta’ Dicembru 2013, minn zewg testijiet tad-DNA separati, irrizulta illi fil-fatt il-minuri Kieran B mhuwiex il-wild naturali ta’ A B;

Illi ghalhekk l-esponent ghandu interess li l-minuri Kieran ma jibqax indikat bhal ibnu;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara li Kieran B li twieled fil-25 ta’ Ottubru 2009 mhuwiex il-wild naturali ta’ A L B;
2. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fl-att tat-twelid tal-imsemmi Kieran B u dan billi fil-kolonna ‘Isem u Kunjom missier it-tarbija’ jigi kkancellat isem A L B u jigi sostitwit bil-kliem ‘Missier mhux maghruf’ jew l-isem tal-persuna li jirrizulta li fil-fatt huwa missier il-minuri Kieran B; fil-kolonni kollha l-ohra jigu ikkancellati d-dettalji u l-konnotati kollha ta’ A L B; kif ukoll dawk il-korrezzjonijiet, zidiet u/jew annotazzjonijiet ohra li jidhrilha xierqa;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li in forza taghha eccepiet :

Illi l-esponenti ma hijiex qeghda tikkontesta l-fatti li l-minuri mhuwiex iben l-attur u dan ghaliex dan il-fatt gie skopert recentement, b'sorpriza ghall-istess esponenti;

Illi in kwantu ghat-talba ta' l-ispejjez mill-attur, l-esponenti minghajr pregudizzju, tikkontendi illi ma ghandhiex tkun unikament responsabbli ghall-ispejjez u dan peress illi bla ebda mod ma hija qarqet jew inganat lill-attur li l-minuri Kieran ma huwiex ibnu. In oltre, l-attur stess fil-fatt minn dejjem irrikonoxxa lill-minuri K bhala ibnu;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat in-nota guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament huwa indispensabbli għall-integrita' tal-ġudizzju li jiġi imsejjaħ fil-kawża l-minuri Kieran B u li għandu jkun debitament rapprezentat minn kuratur jew tutur maħtur mill-Qorti, skond id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Illi l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk dwar il-mertu huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba għandhom ikunu l-aħjar u kif ukoll sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi bla preġudizzju għal premess, għal kull preċiżazzjoni tajjeb li jiġi rilevat li f'każ li tintlaqa' t-talba li Kieran B mhuwiex il-wild naturali tar-rikorrenti, l-uniċi korrezzjonijiet li jistgħu jiġu effetwati fiċ-ċertifikat tat-twelid 3630 tas-sena 2009 huma li jiġu kkanċellati l-partikolaritajiet kollha tar-rikorrenti bħala missier il-minuri Kieran B u minflok jiġi mniżżel li Kieran B huwa wild ta' persuna mhux magħrufa. Naturalment tajjeb imbagħad li jiġi ssottolinejat li tali korrezzjonijiet bl-ebda mod ma jippreġudikaw lill-missier naturali milli jieħu dawk il-passi ta' rikonoxximent imsemmija fil-liġi jonkella li l-minuri jressaq proċeduri ta' riċerka ta' paternità;

4. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, f'każ li jiġu superati l- eċċezzjonijiet fuq imsemmija, l-esponenti xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri Kieran B, li l-konvenuta tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-allegat missier naturali ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili**. Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ħa jitlef l-istat ta' iben imwieled u mnissel fiż-żwieġ talanqas għandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tiegħu;

5. Illi bla preġudizzju ghas-suespost, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti u l-minuri Kieran B jiġi mniżżel bħala wild ta' persuna mhux magħrufa għandu jassumi l-kunjom ta' ommu a tenur tal-**Artikolu 92 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

6. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita` ta’ Kieran B stante li l-attur jikkontendi li minkejja li c-certifikat tat-twelid tieghu jindikah bhala l-missier naturali tieghu, l-istess minuri m’huwiex ibnu naturali. Ghalhekk permezz ta’ din il-kawza qieghed jitlob lil din il-qorti sabiex tiddikjara li m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri.

Min-naha taghha, l-intimata C D tiddikjara li huwa minnu li l-minuri m’huwiex il-wild naturali tar-rikorrent u ghalhekk taqbel mat-talbiet hekk kif dedotti minnu pero’ tirrileva li m’ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri *stante* li kien ta’ sorpriza ghaliha li skopriet li l-istess minuri m’huwiex iben ir-rikorrent u li ghalhek qatt ma kien hemm xi forma ta’ qerq.

Min-naha tieghu, id-Direttur tar-Registru Pubbliku iressaq biss eccezzjoni wahda ta’ natura legali u cioe’ l-ewwel eccezzjoni li tinkwadra ruhha fuq il-fatt li l-minuri mhux imsejjah fil-kawza u li ghandu jkun rapprezentat minn kuraturi deputati skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Jidher li din l-eccezzjoni giet sollevata permezz tat-talba li saret da parti tal-intimata waqt is-seduta ta’ nhar id-9 ta’ Ottubru 2014 liema talba giet milqugha fl-istess seduta. *Del*

*resto* ma jressaq ebda eccezzjonijiet ohra ta' natura preliminari u konsegwentement, kollox idur fuq il-mertu tal-kaz odjern u jekk ir-rikorrent irnexxilux jipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tieghu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f'Artikolu 70(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet pruvata. Minkejja dan, jirrileva li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li jkun taf min hu verament missieru u ghalhekk isostni li ghandu jkun identifikat mill-intimata sabiex jigi kjamat fil-kawza.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Ir-rikorrent jiddikjara li minkejja li l-minuri Kieran B li twieled nhar il-25 ta' Ottubru 2009[1] huwa dikjarat li huwa ibnu, minn rizultati ta' DNA rrizulta li l-istess minuri m'huwiex il-wild naturali tieghu.

Il-qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[2] ir-rikorrenti rnexxilu jipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri Kieran verament mhuwiex il-wild naturali tieghu. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li anke l-partijiet stess jaqblu li l-istess minuri m'huwiex iben ir-rikorrent. Dan ghaliex permezz tar-risposta guramentata taghha l-intimata tammetti t-talbiet ghall-anqas kwantu ghall-mertu. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tar-rikorrent. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-fatt li l-intimata ma tindika lil ebda terza persuna li tista' tkun il-missier tal-istess tarbija. Naturalment hadd ma gie kjamat fil-kawza u konsegwentement, anke fid-dawl tal-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur intimata, il-Qorti hija prekluza milli filwaqt li tiddikjara li l-istess minuri m'hijiex il-wild naturali tal-attur tiddikjara wkoll li huwa l-wild naturali ta' terza persuna.

[1] Ara a fol 4 tal-process
[2] Esebit a fol 5 u 6 tal-process

Dwar il-kap tal-ispejjez irid jinghad li jirrizulta inekwivoku (u dan anke b'ammissjoni da parti tal-istess intimata) li r-rizultat tad-DNA kien ta' sorpriza ghaliha. Dan ifisser li r-rikorrent ma kellu ebda idea li seta' kien hemm xi possibilita' li l-minuri m'huwiex tieghu fiz-zmien li rrikonoxxih bhala ibnu. Kienet l-intimata biss li kellha hjiel li seta' kien hemm din il-possibilita' izda ghazlet li ma titkellem xejn, halliet lir-rikorrent jirrikonoxxi lit-tarbija u jidher fuq kuntratt pubbliku dwar il-kura u l-kustodja tieghu qabel ma sar id-DNA. Hija l-intimata biss li kellha l-informazzjoni li seta' kien hemm din il-possibilita' u konsegwentement, ghal din ir-raguni l-qorti thoss li kwantu ghall-ispejjez, dawn ghandhom jigu sapportati mill-istess intimata.

Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri Kieran B li twieled nhar il-25 ta' Ottubru 2009 m'huwiex il-wild naturali tar-rikorrent;
(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' K B b'dan illi l-konnotati tar-rikorrent A L B jigu mhassra minn fuq l-istess certifikat u jigu sostitwiti bil-kliem 'missier mhux maghruf';

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------